MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2015

Numru 627/2013

Il-Pulizija

Spettur Jurgen Vella

vs

Sean Grima

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' 237077m akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. fit-3 ta' Lulju 2013 ghal habta tat-20.20hrs u granet precedent gewwa Triq San Tumas il-Fgura u f'dawn il-Gzejjer volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hsara lil propjeta' ta' Rita u Vincenzo Spiteri u/jew persuni ohra liema valur tal-hsara ma jeccedix € 1,164.69;
2. fl-istess hin, lok u cirkostanzi, saq vettura tal-ghamla BMW bin-numru tar-registrazzjoni JBL 843 minghajr ma kellha licenzja biex tkun tista tinstaq fit-triq u minghajr ma kienet koperta b'polza ta' assikurazzjoni;

3. fl-istess hin, lok u cirkostanzi, bl-imgieba tieghu kkaguna lil Alicia, Rita, u Vincenzo Spiteri, biza li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta' taghhom jew kontra l-propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti jew dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1);
4. fl-istess hin, lok u cirkostanzi, hedded u ingurja lil Rita Spiteri u Alicia Spiteri;
5. fit-3 ta' Lulju 2013 ghal habta tat-20.20hrs ghad li kien xurban qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indecenti;
6. bil-lejl fl-istess cirkostanzi kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor;
7. irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta wara li huwa gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Il-Qorti mitluba illi f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Alicia, Rita u Vincenzo Spiteri jew individwi ohra jew ghaz-zamma tal-ordni pubblika jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leza jew individwi ohra minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat u dan ai termini tal-Artikolu 412C;

Mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sgurta' tal-persuna ta' Alicia, Rita u Vincenzo Spiteri jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena, torbot lil hati bl-obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti ai termini tal-Artikolu 383 et seq tal-Kap 9;

Rat in-nota tal-Avukat Generali biex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta;

Semghat ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-akkuzi li qieghed jiffaccja l-imputat huma konsegwenza ta' azzjonijiet li huwa allegatament wettaq kontra l-ex tfajla tieghu u l-genituri taghha. Huma ikoll marbuta ma dawn l-allegati atti tal-imputat kontra taghhom.

Trattati l-akkuzi seriatim:

I. fir-rigward l-ewwel akkuza, li tixlih bi hsara volontarja diretta kontra Alicia u l-genituri taghham Rita u Vincenzo Spiteri, mill-atti processwali jirrisulta lid-danni reklamati huma fil-konfront ta' zewg vetturi propjeta' tal-konjugi Spiteri , ossija Maruti numru tar-registrazzjoni DAF369 u Van Astra numru tar-registrazzjoni EAI551, u fiz-zewg kazi l-hsara saret fi granet differenti izda prossimi ghal xulxin u tinvolvi ksur ta' wahda mit-twieqi tal-vetturi rispettivi. Dan apparti hu allegat li l-imputat wettaq hsara fuq il-faccjata tar-residenza, precisament fuq grada, kif ukoll fuq il-kaxxa tal-ittri. Dwar din il-hsara hemm provi bizzejjed kontra l-imputat

anka jekk il-prova dwar il-hsara fuq il-Van, l-grada u l-kaxxa tal-ittri hija indiretta. Dwar l-ammont ta' hsara hu pruvat li tissupera €116.47 izda mhux €1164.69.

II. it-tieni akkuza tixlih li saq vettura BMW numru tar-registrazzjoni JBL843 minghajr ma kellu licenzja u minghajr kopertura ta' assikurazzjoni. Mix-xhieda tar-rappresentant ta' Transport Malta (fol 112) din l-akkuza tinsab pruvata.

III. fuq it-tielet akkuza li titratta l-biza tal-uzu ta' vjolenza kontra l-imsemmija Alicia, Rita u Vincenzo Spiteri, l-akkuza tinsab emarginata ghal hin, lok u cirkostanzi prospettati fl-ewwl akkuza senjatament "ghat-3 ta' Lulju 2013 u granet precedenti, gewwa Triq San Tumas il-Fgura u f'dawn il-Gzejjer" li strettament ma ssibx riskontru mal-provi prodotti. Dan mhux ghaliex din il-biza ma issusisstitx f'okkazjonijiet precedenti, izda ghal fatt billi l-imputat ghall-dawn l-okkazjonijet precedenti gja gie sentenzjat u skonta l-piena li gie ikkundannat ghaliha. Ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, mhux il-kaz li ssibu hati taht din l-akkuza.

IV. ghal kumplament hu hati tar-raba akkuza; mhux hati tas-sitt akkuza; hati tas-seba akkuza u wkoll tat-tmien akkuza li hu recidiv.

Rat l-Artikoli 325(b), 339(e), 338(dd),49, 50, 17(b)(d), tal-Kap 9, l-Artikolu 3 tal-Kap 104, u l-Artikolu 15 tal-Kap 65, qieset ic-cirkostanzi u hi tal-fehma li l-imputat jisthoqqlu tinghatalu l-ahhar opportunita. Ghalhekk ser tapplika l-Artikolu 7 tal-Kap 446 ghal tlett snin. Tikkundannah wkoll multa kumplessiva ta' €2300 pagabbli zmien ta' tlett xhur mill-lum.

Il-Qorti spiegat lill-imputat ir-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------